# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: It-Teknoloġija tal-Informatika

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: ____**
**Akkademika**: _____
**Vokazzjonali:** __x__

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**
It-Teknoloġija tal-Informazzjoni tesponi lill-istudenti għad-dinja tal-industrija tal-IT f'oqsma relatati mal-installazzjoni ta' ħardwer tal-kompjuter, żvilupp multimedjali u netwerking. Matul il-programm, l-istudenti jiġu esposti għal xenarji vokazzjonali realistiċi li għalihom huma meħtieġa jwettqu kompiti prattiċi, ibbażati fuq l-għarfien u l-ħiliet li kisbu permezz tat-tagħlim tagħhom, biex isolvu sitwazzjonijiet simili għal dawk li qed jevolvu fl-industrija tal-IT.

**Lista ta' temi studjati:**

- *a. Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol*
- *b. Fehim ta' tipi differenti ta' sistemi tal-kompjuter u komponenti tal-hardwer*
- *ċ. Installazzjoni ta' ħardwer u softwer tal-kompjuter*
- *d. Soluzzjonijiet għal problemi fil-ħardwer*
- *e. Dokumentazzjonij tal-installazzjonijiet*
- *f. Ħidma ta' twaqqif ta' local area netwerks*
- *ġ. Qsim ta' dejta u riżorsi fuq network*
- *g. It-theddid għas-sigurtà tan-netwerk*
- *għ. Fehim ta' tipi differenti ta' sistemi multimedjali*
- *h. Żvilupp ta' proġetti multimedjali inkluż animazzjonijiet, produzzjonijiet awdjoviżivi u websajts*

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

- Attivitajiet hands-on bħal installazzjoni ta' hardwer, żvilupp ta' proġetti multimedjali u twaqqif ta' netwerks
- Preżentazzjonijiet
- Xogħol fi gruppi
- Kompiti ta' riċerka
- Diskussjonijiet fil-klassi

**Xogħol assenjat għad-dar:**

- Eżerċizzji ta' konsolidazzjoni u xogħol ta' riċerka
- Kompiti ta' tħejjija bħal tħejjija għal installazzjoni ta' hardwer u ppjanar ta' animazzjonijiet, websajts u produzzjonijiet awdjoviżivi
- Kontinwazzjoni ta' xi kompiti assenjati

**Assessjar mogħti:**
Kull sena skolastika, l-istudenti se jkopru qasam, b'total ta' 3 oqsma fi 3 snin. Kull qasam jiġi assessjat permezz ta' tliet valutazzjonijiet:

- żewġ kompiti, li jikkonsistu kemm f'xogħol miktub kif ukoll f'ħidmiet prattiċi, li jammontaw għal 60% tal-marka annwali
- assessjar ikkontrollata wieħed (eżami bil-miktub) li jammonta għal 40% tal-marka annwali u dan isir fi tmiem is-sena skolastika

Il-marki miksuba matul id-9, l-10 u l-11-il sena jammontaw għar-riżultat tas-SEC.

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

*a. Kapaċità li ssegwi prattiċi tajbin tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol*

*b. Ħiliet relatati mal-installazzjoni ta' ħardwer u softwer, netwerking u żvilupp multimedjali*

*ċ. Ħiliet analitiċi u ta' riċerka*

*d. Ħiliet fil-komunikazzjoni*

*e. Ħiliet fil-ħidma f'tim*

*f. Ħiliet fl-ippjanar*

*ġ. Ħiliet fil-ġestjoni tal-ħin*

*g. Ħiliet fil-ħsieb riflessiv*

*għ. Ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi*

**Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**

*a. Livell tajjeb fl-Ingliż*

*b. Ħiliet adegwati fl-ICT*

*ċ. Rieda li titgħallem, tirriċerka u twettaq attivitajiet prattiċi*

*d. Kapaċità li taħdem kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim*

**Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** Daniela Zerafa

**Indirizz elettroniku**: daniela.zerafa@ilearn.edu.mt